MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 17/2020 LM

**Gerald Micallef (K.I. numru 79253M)**
*("l-appellat")*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawn l-appellant, id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellant"] mid-deċiżjoni bla data mogħtija f'Jannar, 2020, numru 045/20

[minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem “l-Arbitru”], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell tar-rikorrent, hawn l-appellat, **Gerald Micallef (K.I. nru 79253M)** [minn issa ’l quddiem “l-appellat”] għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-25 ta’ Marzu, 2019, fejn filwaqt li għarraf lill-appellat li huwa kien tħallas żejjed is-somma ta’ €103.92 fl-Għajnuna għall-Mard mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-perijodu li jibda fl-4 ta’ Awwissu, 2018, u li jispiċċa fil-31 ta’ Awwissu, 2018, infurmah li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta’ 30% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew xi beneficcju ieħor li huwa jirċievi mid-Dipartiment. Ir-raġuni li l-appellat ingħata kienet li l-kapital jeċċedi u dan stante minn stħarriġ kien irriżulta lid-Dipartiment li l-mara tiegħu kienet flimkien ma’ ħutha wirtet u biegħet proprjetà immobbli skont kif irriżulta minn Dok. GM1 u Dok. GM2 li ġew esebiti fil-proċeduri quddiem l-Arbitru.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa proċeduri ta’ appell quddiem l-Arbitru fit-8 ta’ April, 2019, fejn ikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Min-naħa tiegħu d-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fl-1 ta’ Diċembru, 2019, u filwaqt li sostna li l-appell ma kien inqanqal l-ebda punt ta’ liġi jew ta’ prinċipju ta’ importanza u b’hekk kellu jiġi miċħud, irrileva li l-Għajnuna għall-Mard (SKA)

kienet ġiet imwaqqfa għaliex kien irriżulta minn stħarriġ li l-appellat u l-familja tiegħu kienu fil-pussess ta' riżorsi kapitali li l-valur tagħhom kien jeċċedi l-limitu ta' €23,300.00.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Mill-provi rriżulta illi mart l-appellant Marcelle Micallef verament daħlet somma flus li tissupera t-€23,000 wara li hi u ħutha biegħu l-fond 222 Triq Sant'Elena Sliema;*
>
> *Illi dan il-post kien ġie għand mart l-appellant b'wirt flimkien ma' ħutha wara l-mewt tal-ġenituri;*
>
> *Illi hu stabbilit li assi derivanti minn wirt huma assi parafernali ta' dik il-parti li tkun ibbenefikat mis-suċċessjoni. Minkejja li l-appellant u martu għad għandhom fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti, legalment l-appellanti jmissu biss 'il-frott' li jiġi ġenerat waqt iż-żwieg mill-assi parafernali ta' martu;*
>
> *Id-Dipartiment naqas milli jipprova li l-appellant qiegħed b'xi mod jibbenefika mill-assi parafernali ta' martu."*

**L-Appell**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Mejju, 2020, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu, 2019.

Huwa jissottometti li qed iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex l-Arbitru naqas li japplika l-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Risposta tal-Appell**

6. L-appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, u dan għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

8. L-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant fir-rigward tad-deċiżjoni appellata huwa li l-Arbitru hawnhekk applika erronejament d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 a skans ta' dawk tal-Kap. 318. Jispjega li sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-Għajnuna għall-Mard, għandu jiġi sodisfatt r-rekwiżit imfisser fil-para. (ċ) tas-subartikolu 20(1) tal-Kap. 318 fejn isir riferiment ukoll għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I tat-Tieni Skeda, li jelenka dak li għandu jittieħed inkonsiderazzjoni sabiex isir kalkolu tal-mezzi tal-benefiċjarju. Id-Direttur Ġenerali appellant jiċċita l-paragrafi (a) u (b) minn din it-Taqsima I, fejn jagħmel enfażi fuq il-partijiet li huwa jirrileva huma rilevanti għall-każ odjern u jiddikjara li fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti u meħud inkonsiderazzjoni d-

dħul ta' mart l-appellat mill-bejgħ tal-proprjetà, kien daqstant ċar li l-appellat ma kienx eliġibbli għall-benefiċċju. Id-Direttur Ġenerali appellant isostni li fil-każ odjern l-Arbitru warrab il-prinċipju *lex specialis derogat legi generali* u b'hekk ħoloq preġudizzju u saħansitra preċedent ikrah.

9. L-appellat jilqa' billi fl-ewwel lok jissottometti li l-appell odjern ġie intavolat tardivament bi ksur tas-subartikolu 109(2) tal-Kap. 318. Imbagħad jirrileva l-prinċipju tal-insindikabbiltà minn din il-Qorti tal-apprezzament tal-provi magħmula fl-ewwel istanza. Fil-mertu l-appellat għal darb'oħra jinsisti li l-ammont inkwistjoni kien jagħmel parti mill-assi parafernali tal-mara tiegħu u għalhekk fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi rilevanti tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, dan ma kellux jittieħed inkonsiderazzjoni fil-kalkoli tal-mezzi tal-familja Micallef. Huwa biss fuq il-frott ta' dawn l-assi partikolari li l-appellat jista' jkollu dritt, u wara kollox kif sewwa rrileva l-Arbitru, id-Direttur Ġenerali appellant naqas milli juri li huwa kien qiegħed b'xi mod jibbenefika mill-assi parafernali ta' martu. B'hekk l-Arbitru kien legalment korrett fil-konsiderazzjonijiet tiegħu għaliex kien sejjes id-deċiżjoni appellata fuq il-liġijiet kollha rilevanti għall-każ.

10. Dwar il-kwistjoni tat-tardività tal-preżentata tal-appell odjern, il-Qorti tgħid li l-appellat m'għandux raġun. Filwaqt li tieħu konjizzjoni tad-dokumenti ppreżentati mid-Direttur Ġenerali appellant in sostenn tal-fatt li kopja tad-deċiżjoni tal-Arbitru waslet għandu fil-21 ta' Frar, 2020, tikkunsidra li fid-dawl tal-fatt li skont l-A.L. 65 tal-2020, l-A.L. 97 tal-2020, u l-A.L. 230 tal-2020, it-termini legali kienu sospiżi matul il-perijodu kollu li jibda fis-16 ta' Marzu,

2020, sal-għoxrin jum wara l-5 ta' Ġunju, 2020, kif sewwa jsostni d-Direttur Ġenerali appellant, tqis li l-appell ġie intavolat fiż-żmien preskritt mil-liġi.

11. L-appellat jirrileva wkoll li l-lanjanzi tad-Direttur Ġenerali appellant huma kollha msejsa fuq il-konsiderazzjonijiet u l-apprezzament fattwali li għamel l-Arbitru u għalhekk skont il-prinċipju tal-insindikabbiltà tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Arbitru, jissottometti li l-appell għandu jiġi miċħud. Din il-Qorti tagħraf li għall-kuntrarju, l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant jirrigwarda l-applikazzjoni ħażina tal-liġi fejn qed jikkontendi li l-Arbitru naqas milli japplika d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318. Għalhekk ma tqum l-ebda kwistjoni hawn dwar l-insindikabbiltà tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Arbitru.

12. Il-Qorti tikkondividi l-pożizzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Mingħajr dubju d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-każ odjern huma dawk li jipprovdu għalihom il-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Dan jingħad abbażi tal-prinċipju legali *lex specialis derogat legi generali* fejn id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 ma jistgħux ma jitqiesux li huma ta' natura speċjali. Madankollu l-Qorti tagħraf li ma hemm l-ebda kunflitt bejn dawn id-dispożizzjonijiet u dawk tal-Kodiċi Ċivili, fejn saħansitra l-artikolu 1334(3) tal-Kap 16 jipprovdi li sabiex il-familja jkollha għajnuna, għandu jintuża l-kapital jew id-dħul ta' xi ħadd minnhom <u>wara</u> li jintuża l-kapital u d-dħul tal-komunjoni tal-akkwisti. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, huma biss riflessjoni tal-prinċipju stabbilit permezz tal-Kodiċi Ċivili.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-25 ta' Marzu, 2019.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**